MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 201/2011

**Gasan Mamo Insurance Limited**

**Vs**

**Elaine Scicluna u zewgha Geoffrey Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Gasan Mamo Insurance Limited fl-24 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema titlob li Elaine u Geoffrey konjugi Scicluna jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' erbat elef sitt mija u wiehed Euro u tmienja u tletin centezmu (€4,601.38), konsistenti fis-somma ta' erbat elef tlett mija u sebghin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€4,370.77) rapprezentanti l-import ta' erba' *cheques*, annessi mar-Rikors u markati Dok. "GM1" sa' Dok. "GM4", li gie mizappropprijat minn Elaine Scicluna ghad-dannu tas-socjetà attrici waqt li hija kienet impjegata ma' l-istess socjetà u fl-ammont ta' mitejn u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu (€230.61) rapprezentanti l-valur ta' *mobile phone* tat-tip Nokia 611 IMEI No. 354556011308635 li gie ordnat u migbur minn Elaine Scicluna minghand is-socjetà Intercomp Limited, li normalment tissupplixxi *mobile phones* lis-socjetà attrici, u li thallas mis-socjetà attrici wara li Elaine Scicluna iffalsifikat claim relatata ma' l-istess, u dan waqt li kienet impjegata mas-socjetà attrici; bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra Elaine u Geoffrey konjugi Scicluna;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "GM1" sa' Dok. GM7" a fol. 2 sa' 8 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti konjugi Scicluna permezz ta' liema jeccepixxu li: (i) huma ma humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici permess illi qatt ma wettqu l-ebda misapproprjazzjoni jew nuqqas iehor ghad-dannu tas-socjetà attrici in konnessjoni mal-mertu ta' din il-vertenza; (ii) Elaine Scicluna qatt ma ordnat, gabret u wisq inqas iffalsifikat xi tip ta' claim relatata ma' *mobile phone* waqt li kienet impjegata mas-socjetà attrici; (iii) bla pregudizzju ghall-premess, l-oneru tal-prova ta' l-allegat misapproprjazzjoni, iffalsifikar u responsabilità ta' Elaine Scicluna ghall-

fatti allegati mis-socjetà attrici jinkombi fuq l-istess socjetà attrici; u (iv) bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet u pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Semghet ix-xhieda moghtija minn John Galdes waqt is-seduti tal-31 ta’ Jannar 2012[1] u tas-6 ta’ Novembru 2012[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “JM1” a fol. 23 sa’ 30 tal-process, ix-xhieda moghtija minn Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., moghtija waqt is-seduti tas-17 ta’ April 2012[3], tal-21 ta’ Mejju 2012[4] u tat-12 ta’ Lulju 2012[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. “RA1” u Dok. “RA2” a fol. 42 u 43 tal-process u Dok. “RA3” sa’ Dok. “RA6” a fol. 60 sa’ 67 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Melanie Bugeja, in rapprezentanza tas-socjetà Intercomp Limited, moghtija waqt is-seduta tas-17 ta’ April 2012[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. “MB” a fol. 44 sa’ 49 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Francis Valletta moghtija waqt is-seduta tas-17 ta’ April 2012[7] u rat in-Nota ta’ l-Insinwa bin-Numru 3749/2006 relattiva ghal trasferiment ta’ proprjetà lill-konvenuta Elaine Scicluna esebita mis-socjetà attrici permezz ta’ Nota pprezentata fil-21 ta’ Mejju 2012 a fol. 68 u 69 tal-process;

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta’ Novembru 2012[8], id-Difensur tal-konvenuti ddikjara li l-import tac-*cheques* li hargu fuq il-kont tal-konvenuta Elaine Scicluna kien ser jigi rimborsat lis-socjetà attrici u dana billi jithallsu lura minghajr però ebda forma ta’ ammissjoni da parte tal-konvenuta li hi poggiethom fil-kont bankarju taghha;

Rat li waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012[9], id-Difensur tas-socjetà attrici ddikjara li fil-mori tal-kawza l-konvenuti hallsu lis-socjetà attrici l-valur rapprezentanti l-import ta’ l-erba’ *cheques* mertu ta’ dawn il-proceduri izda ma hallsux il-valur tal-*mobile phone* wkoll mertu ta’ dawn il-proceduri, nonostante dan però is-socjetà attrici kienet se tirrinunzja ghall-valur ta’ tali *mobile phone* u tghaddi biex iccedi l-mertu tal-kawza b'dana però li zzomm ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat in-Nota ta’ Cessjoni pprezentata mis-socjetà attrici waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012[10], li biha cediet is-sorte stante pagament izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

---

[1] Fol. 31 sa’ 34 tal-process.
[2] Fol. 89 sa’ 94 tal-process.
[3] Fol. 50 u 51 tal-process.
[4] Fol. 70 sa’ 74 tal-process.
[5] Fol. 76 sa’ 80 tal-process.
[6] Fol. 52 u 53 tal-process.
[7] Fol. 55 sa’ 58 tal-process.
[8] Fol. 88 tal-process.
[9] Fol. 95 tal-process.
[10] Fol. 96 tal-process.

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti konjugi Scicluna jigu kkundannati jhallsuha s-somma komplessiva ta’ €4,601.38, konsistenti tali ammont fis-somma ta’ €4,370.77 rapprezentanti l-import ta’ erba’ *cheques* li gie mizapproprjat mill-konvenuta Elaine Scicluna a dannu tas-socjetà attrici waqt li hija kienet impjegata ma’ l-istess socjetà u fl-ammont ta’ €230.61 rapprezentanti l-valur ta’ *mobile phone* tat-tip Nokia 611 IMEI No. 354556011308635 li gie ordnat mill-konvenuta Elaine Scicluna minghand is-socjetà Intercomp Limited, li hija s-socjetà li tissupplixxi lis-socjetà attrici b’*mobile phones*, u li thallas mis-socjetà attrici wara li l-konvenuta iffalsifikat claim relatata ma’ l-istess u dana waqt li kienet impjegata mas-socjetà attrici.

Il-konvenuti konjugi Scicluna jilqaghu ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (i) huma ma humiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet attrici permess illi qatt ma wettqu l-ebda misapproprjazzjoni jew nuqqas iehor ghad-dannu tas-socjetà attrici in konnessjoni mal-mertu ta’ din il-vertenza; (ii) il-konvenuta Elaine Scicluna qatt ma ordnat, gabret u wisq inqas iffalsifikat xi tip ta’ claim relatata ma’ *mobile phone* waqt li kienet impjegata mas-socjetà attrici; (iii) bla pregudizzju ghall-premess, l-oneru tal-prova ta’ l-allegat misapproprjazzjoni, iffalsifikar u responsabilità tal-konvenut Elaine Scicluna ghall-fatti allegati mis-socjetà attrici jinkombi fuq l-istess socjetà attrici; u (iv) bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet u pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fil-mori tal-proceduri l-konvenuti hallsu lis-socjetà attrici l-import ta’ l-erba’ *cheques* formanti l-mertu ta’ dawn il-proceduri izda ma hallsux il-valur tal-*mobile phone* ukoll mertu ta’ dawn il-proceduri. Ciò nonostante però s-socjetà attrici ghazlet li tirrinunzja ghall-valur tal-*mobile phone* ammontanti ghal €230.61 u permezz ta’ Nota ta’ Cessjoni pprezentata fl-10 ta’ Dicembru 2012[11] cediet is-sorte tal-kawza stante pagament izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Fid-dawl ta' tali Nota ta' Cessjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas ta' l-ammont komplessiv ta' €4,601.38 u ser tghaddi minflok biex taghti decizjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez li hija l-unika kwistjoni li ghadha pendenti u in kontestazzjoni bejn il-partijiet kontendenti.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta’ l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju*[12]. Ghalkemm waqt is-seduta tas-6 ta’ Novembru 2012[13], il-konvenuta ddikjarat li ghad illi l-import ta' l-erba' *cheques* li nhargu fuq il-kont bankarju taghha kien ser jigi refuz lis-socjetà attrici dan ma kellux jikkostitwixxi ammissjoni da parte taghha li hi iddepozitat l-import ta’ kull wiehed minn dawn ic-*cheques* f’tali kont, il-Qorti hija tal-fehma li l-principju guridiku appena citat japplika fil-kaz in ezami.

---

[11] Fol. 96 tal-process.

[12] Michael Fenech v. Joseph Cassar, Citaz. Nru. 504/97 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta’ Marzu 2004.

[13] Fol. 88 tal-process.

Jibda biex jinghad li l-hlas ifisser l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni sew jekk l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun li tinghata xi haga sew jekk ikun li tigi maghmula xi haga[14] u fil-kaz in ezami l-obbligazzjoni giet hekk mitmuma minn persuna li kellha interess fiha – ossia l-konvenuta. B'hekk ir-refuzjoni lis-socjetà attrici ta' l-import tac-*cheques* mertu ta' dawn il-proceduri ma jistax jigi interpretat mod iehor hlief bhala ammissjoni li dan l-ammont kien hekk dovut mill-konvenuta lill-imsemmija socjetà. F'dan ir-rigward il-Qorti appozitament ma hijiex qed issemmi lill-konvenut Geoffrey Scicluna ghaliex fil-fehma Taghha huwa bl-ebda mod ma jinkwadra fil-kwistjoni ta' l-erba' *cheques* mertu ta' dawn il-proceduri, b'dana ghalhekk li l-posizzjoni tieghu vis-à-vis il-hlas ta' l-ispejjez hija differenti minn dik tal-konvenuta hekk kif se jigi spjegat ahjar iktar 'l quddiem f' din is-sentenza.

Mill-linja ta' domandi li saru in kontro-ezami lil Romwald Attard[15], rapprezentant tal-Bank of Valletta p.l.c., jidher li l-konvenuta donnha timplika li ghalkemm l-erba' *cheques* li nhargu fuq il-kont bankarju taghha gew depozitati f'dak l-istess kont, ma jirrizultax b'mod konklussiv li kienet hi li ddepozitat tali *cheques* fil-kont taghha. Din il-linja difensjonali tirrizulta kkonfermata f'dak verbalizzat waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2012 u cioè li *Dr. Michael Tanti Dougall ghall-konvenuta jiddikjara li rigward ic-cekkijiet li hargu fil-kontijiet ta' Elaine Scicluna ser jigu rimborsati lis-socjetà Gasan Mamo u dan billi jithallsu lura minghajr ammissjoni li hi poggiethom hemm*[16]. Minn ezami tal-provi prodotti però jirrizulta ezattament il-kuntrarju ta' dak sottintiz mill-konvenuta.

Mix-xhieda ta' John Galdes[17] u ta' Francis Valletta[18], entrambe impjegati mas-socjetà attrici, liema xhieda ma gietx sodisfacentement kontradetta jew kontrastata mill-konvenuta, jirrizulta b'mod car li l-konvenuta abbuzat mill-fiducja posta fiha mis-socjetà attrici u l-impjegati taghha kollegi tal-konvenuta, biex ottjeniet il-hrug ta' erba' *cheques* intestati fuq il-kont bankarju taghha[19] ghall-ammont globali ta' Lm1,876.37, illum ekwivalenti ghal €4,370.77. Mix-xhieda ta' Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. u mid-dokumenti esebiti minnu, senjatament mid-dokumenti markati Dok. "RA3" sa' Dok. "RA6" a fol. 60 sa' 67 tal-process, jirrizulta li dawn l-erba' *cheques* gew depozitati fil-kont bankarju tal-konvenuta tramite ATM *machines* u li l-*envelopes* relattivi ghal dawn id-depoziti huma kollha ffirmati mill-konvenuta. B'hekk fid-dawl ta' tali prova l-unika konkluzzjoni logika li wiehed jista' jasal ghaliha hi li dawk l-erba' *cheques* gew effettivament depozitati fil-kont bankarju tal-konvenuta mill-konvenuta stess. Kemm-il darba l-konvenuta issostni mod iehor kien jinkombi fuqha li tipprova b'mod sodisfacenti li minkejja dak li jirrizulta mill-provi prodotti u dokumenti esebiti mis-socjetà attrici, ma kenitx hi li ddepozitat l-imsemmija erba' *cheques* fil-kont bankarju taghha, prova li però baqghet qatt ma saret da parte taghha[20].

---

[14] Artikolu 1146 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[15] Seduta tal-21 ta' Mejju 2012 a fol. 70 sa' 74 tal-process u seduta tat-12 ta' Lulju 2012 a fol. 76 sa' 80 tal-process.

[16] Fol. 88 tal-process.

[17] Seduta tal-31 ta' Jannar 2012, fol. 31 sa' 34 tal-process.

[18] Seduta tas-17 ta' April 2012, fol. 55 sa' 58 tal-process.

[19] Dok. "GM1" sa' Dok. "GM4" a fol. 2 sa' 5 tal-process.

[20] Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud, Appell Civili 1536/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru 2003.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li fil-kaz in ezami l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu akkollati lill-konvenuta kemm in bazi ghall-principju li *l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez* kif ukoll fid-dawl tal-fatt li fil-kaz in ezami ma tirrizulta ebda raguni in bazi ghal liema l-konvenuta tista' tigi ezonerata mill-hlas ta' tali spejjez.

Kif già iktar 'l fuq osservat is-sitwazzjoni dwar ir-responsabilità ghall-hlas ta' l-ispejjez hija kemm xejn differenti ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Geoffrey Scicluna. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li Geoffrey Scicluna kien b'xi mod involut fl-otteniment tal-hrug u konsegwenti depozitu ta' l-erba' *cheques* li nhargu fuq il-kont bankarju tal-konvenuta. L-uniku involviment li jidher li kellu kien fir-rigward tal-*mobile phone* tad-ditta Nokia 611 izda is-socjetà attrici rrinunzjat ghall-pretensjoni taghha fir-rigward ta' tali *mobile phone* tant illi wara l-hlas ta' l-import ta' l-erba' *cheques* iktar 'l fuq imsemmija, hija ceduti s-sorte tal-kawza. B'hekk f'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma jinkwadra bl-ebda mod fil-kwistjoni dwar il-kap ta' spejjez u b'hekk ma ghandux jigi kkundannat ghall-hlas ta' l-istess.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li ttenni li fid-dawl tan-Nota ta' Cessjoni pprezentata mis-socjetà attrici fl-10 ta' Dicembru 2012, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici ghall-kundanna hlas ta' l-ammont ta' €4,601.38, tikkundanna lill-konvenuta Elaine Scicluna thallas l-ispejjez giudizzjarji konnessi ma' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------